A.L. 269 ta' l-2004

ATT TA' L-2003 DWAR IL-MEDIĊINI (ATT NRU. III TA' L-2003)

Regolamenti ta' l-2004 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Prodotti Mediċinali (Riklamar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 106 ta' l-Att dwar il-Mediċini, 2003, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Prodotti Mediċinali (Riklamar), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Prodotti Mediċinali (Riklamar), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 400 ta' l-2003.

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-paragrafu (b) għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-klassifika ta' forniment tal-prodott mediċinali:

Iżda dan ma japplikax fil-każ ta' riklamar ta' prodott mediċinali lil persuni kwalifikati li jippreskrivu riċetta jew li jfornu dawk il-prodotti, meta dan ir-riklamar ikun intiż biex ifakkar, isir permezz ta' għajnuna promozzjonali u jista' jinkludi biss l-isem tal-prodott mediċinali.".